

**L-ORATORJU QALB TA' ĠESÙ TAL-MOSTA BL-ISTORJA U L-ISTEJJER TIEGĦU**

L-iskop ta' dan il-ktieb hu li jagħti xhieda għall-kontribut li ta l-Oratorju Qalb ta' Ġesù fil-parroċċa tal-Mosta u lil hinn minnha. Kontribut qawwi, kontinwu u sinifikattiv fit-trawwim tal-fidi fost it-tfal. Kontribut daqstant ieħor kruċjali, żelanti u meħtieġ fil-formazzjoni nisranija u ċivika fost l-adoloxxenti, iż-żgħażagħ u l-familji. F'dan il-ktieb se ssibu l-istorja ta' din l-istituzzjoni ewlenija fil-Mosta mifruxa fuq medda ta' mitt sena bejn l-1914 u l-2016. B'danakollu, din ir-riċerka mhix interessata biss mill-fatti, il-figuri u d-dati tal-istorja, imma wkoll mill-karattri, ix-xogħlijiet u l-avventuri ta' dawk li daħlu u ħarġu mill-Oratorju matul tfulithom u żgħożithom. Għalhekk din hija pubblikazzjoni li tistrieħ fuq id-dokumentazzjoni storika, daqskemm tifrex fuq l-esperjenzi umani. Il-Mosta għad għandha bżonn l-Oratorju tagħha u ta' ċentri oħrajn bħalu biex jibqgħu jagħtu skop u direzzjoni - fuq kollox is-sens – lit-tfal u ż-żgħażagħ tas-snin elfejn.



**Mario Thomas Vassallo** studja l-*management*, it-tmexxija politika u l-istudji Ewropej fl-Università ta' Malta u fl-2014 kiseb id-Dottorat fil-politika mill-Università ta' Sheffield, l-Ingilterra. Għal tnax-il sena stabbilixxa karriera maniġerjali fl-oqsma tar-riżorsi umani, it-taħriġ u l-iżvilupp, sakemm fl-2008 ngħaqad bħala lettur mad-Dipartiment tal-*Public Policy* fl-Università ta' Malta fejn, fost oħrajn, jgħallem dwar ir-riċerka xjentifika, is-soċjetà ċivili, il-politika fl-arti u l-letteratura, u l-governanza sopranazzjonali. Kitbiet tiegħu kienu ppubblikati minn djar tal-kotba f'Malta u oħrajn internazzjonali. Huwa jipproduċa għadd ta' sensiliet radjufoniċi li jitrattaw temi soċjali, politiċi u ta' Melitensia fuq Campus FM u Radju Malta. Qatta' tfulitu u żgħożitu f'impenn volontarju fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù tal-Mosta; il-post li għadu sal-lum midħla tiegħu. Huwa miżżewweġ lil Liberata u għandu żewġt itfal, Martina u Elisa.

ISBN: 978-99957-0-945-7
9 789995 709457

L-ORATORJU QALB TA' ĠESÙ TAL-MOSTA
BL-ISTORJA U L-ISTEJJER TIEGĦU

MARIO THOMAS VASSALLO

# L-ORATORJU
# QALB TA' ĠESÙ TAL-MOSTA

## BL-ISTORJA U L-ISTEJJER TIEGĦU



MARIO THOMAS VASSALLO